TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Borg u Theresa Borg

Vs

Sound Effects

CCT 37/18/MM

Illum, 1 ta' Ġunju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-22 ta' Frar 2018 fejn talab is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€ 250), prezz ta' *android box* mixtrija mingħand l-intimat nhar is-7 ta' Settembru 2018 u dan wara li allegatament l-istess kaxxa ma bdietx tittrasmetti l-istazzjonijiet mixtieq mir-rikorrenti.

Ra r-risposta ta' John Zammit għall-intimat *Sound Effects* li permezz tagħha eċċepixxa illi kull sistema tal-*android* tiddependi mill-kwalita' tal-*internet*, li meta r-rikorrenti ma kienx solva l-problema tal-*internet* tad-dar, l-istess intimat kien offrielu li jħassarlu kollox u jinstallalu kollox mill-ġdid mingħajr ħlas u għalhekk illi l-kaxxa kienet taħdem perfettament. Illi l-intimat issottometta illi huwa ma setax jagħti garanzija fuq is-sistema tal-*internet* tad-dar tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienu xtraw *android box* mingħand l-intimat u dan versu l-prezz ta' mitejn u ħamsin Ewro (€ 250). Fl-ewwel okkażjoni tax-xhieda tagħhom, ir-rikorrenti jisħaq illi permezz ta' din il-kaxxa huwa kien suppost seta' jara kollox, u fil-fatt fl-ewwel tliet ġimgħat mill-akkwist, din il-kaxxa kienet skontu taħdem '*pinna*' iżda wara kienet ġiet *locked*. Fit-tieni okkażjoni

tax-xhieda tiegħu, ir-rikorrenti jisħaq illi huma ma kienux ġew infurmati mill-intimat li apparti dan huma kellhom iħallsu madwar għaxar (€ 10) jew ħmistax-il Ewro (€ 15).

Ir-rikorrenti jgħidu illi huma kienu jmorru għand l-intimat fejn ġewwa l-ħanut tiegħu, meta dan tal-aħħar kien jipprova din il-kaxxa, huma kienu jaraw kollox iżda meta jmorru d-dar ma jaraw xejn. Huma jistqarru li l-intimat kien tgħarrfilhom li huma seta' kellhom *internet* ħażin iżda r-rikorrenti jgħidu li lil tal-*Melita* kienu ġabuħ darbtejn u kien infurmahom li l-intimat ikun imqabbad ma' *servers* għalih filwaqt li huma le u b'hekk kien jaqta'.

L-intimat jiddikjara li huwa qatt ma wiegħed li r-rikorrenti ser ikollhom aċċess għall-istazzjonijiet kollha. Huwa jgħid illi l-kaxxa trid tibqa' aġġornata. Huwa tenna li s-sistema tal-*Android* taħdem għax tagħmel *upgrade* waħedha.

Illi nhar is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2019, fuq talba tar-rikorrenti ġie maħtur Inġinier sabiex jikkonstata jekk il-kaxxa in kwistjoni kienetx tiffunzjona, liema espert ikkonstata li effettivament ''il-kaxxa'' kienet tiffunzjoni iżda ''l-qofol tal-problema huwa x'ġie riklamat u xi xtaq jara John Borg''.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-każ l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna dak li huwa qiegħed jippretendi li jara meta mqabbel ma' dak irriklamat mill-intimat bl-użu tal-*Android box* mixtrija mill-intimat.

Illi huwa evidenti li meta wieħed jagħmel akkwist irid iżomm f'moħħu n-natura ta' dak l-akkwist lil'hinn mix-xewqat li wieħed jistenna iżda jrid ikollu aspettativi reali.

Illi x-xewqa tar-rikorrenti li jara ''kollox''[1] hija pjutost wiesa' u ċertament qatt ma seta' jingħata garanzija tali. Bl-istess mod dan it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti xtaqu jipprevalixxu ruħhom minn sistema li kif jinnota l-espert tekniku, ''it-trasmissjoni ta' TV Channels li huma protetti b'Intellectual Property Rights fejn SSP's qed jabbużaw dawn is-servizzi'' issottometta li ''saret operazzjoni fuq talba tal-Gwardia di Finanza Taljana u ġew imwaqqfa numru ta' SSP fosthom f'Malta''.

Illi r-rikorrenti ma jistax jistrieħ biss fuq il-protezzjoni tal-Liġi bil-għama iżda huwa mistenni minnu li qabel ma jixtri, speċjalment meta għas-servizz li ppretenda hu, u ċioe ''kollox'', il-prezz

[1] Kwotazzjoni *a verbatim* mix-xhieda tar-rikorrenti John Borg

huwa relattivament baxx kumparat mal-prezz tas-suq, kellu jkun ir-rikorrenti nnifsu li jġorr il-piż tad-deċiżjoni meta huwa jagħżel li jagħmel akkwist ta' dan it-tip, dan iktar u iktar meta l-*Android box* in kwistjoni ma fihiex difetti.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż konta r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru